10 ta' Ġunju, 1957

Imħallfin: —

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
Onor. Dr A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. Dr W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Nobbli Frances Mary Chesney Sceberras D'Amico *versus* Onor. Edgar Cuschieri ne.

## Fedekommess — Fewdo — Interpretazzjoni tal-Liġi — Att XII tal-1950.

L-Att XII ta' l-1950, li abolixxa l-fedekommessi, *jolqot il-proprjetà suġġetta għall-vinklu ta' fedekommess, u mhux ukoll il-proprjetà posseduta b'titolu fewdali; u dan jidher ċar minn sempliċi lettura ta' dak l-Att; u ebda interpretazzjoni estensiva ma tista' qatt twassal għall-konklużjoni li dik il-liġi tikkomprendi anki l-fewdi, għax kwalunkwe interpretazzjoni simili tmur assolutament kontra l-ittra ċara tal-liġi, u għalhekk hija għal kollox inammissibbli; u mbgħad ukoll għax in-natura tal-fewdo u dik tal-fedekommess hi wisq diversa.*

*Billi jiġi allegat li l-leġislatur, meta ntroduċa dik il-liġi, ried li jitneħħa kwalunkwe vinkolu fuq il-proprjetà immobiljari, u li titneħħa wkoll kwalunkwe projbizzjoni ta' aljenazzjoni libera tal-proprjetà, dan mhux biżżejjed; għax hu paċifiku li dispożizzjoni statutorja li ssemmi espressament każ wieħed ma tistax tiġi estiża għal każ mhux espress, u l-kelma "fedekommess" u l-kelma "feudo" dejjem ġew użati distintament, u jirriferixxu għal istituti diversi fl-oriġini, fin-natura, u fil-liġijiet li jirregolawhom.*

Il-Qorti; — Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina tat-30 ta' Ġunju, 1955, fejn jinsabu miġjuba d-domanda tal-attriċi u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u fejn ġiet respinta l-eċċezzjoni tal-konvenut illi huwa mhux il-leġittimu kontradittur tad-domanda dedotta fiċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż kontra tiegħu, u ġie msejjaħ fil-kawża, bħala li jista' jkollu nteress, il-Baruni Alexander Jan Sceberras D'Amico Inguanez;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-imsejjaħ fil-kawża, li biha ssottometta illi huwa jikkonferma l-fatt li x-"Xagħra ta' Ghedrin", sive "Ta' Katrin", tifforma parti mill-art jew territorju li kien ġie mogħti b'"Feudo Nobile" lill-antenati tiegħu;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-ewwel ta' Frar, li biha ddeċidiet billi ddikjarat illi l-Att XII tal-1950 jolqot il-proprjetà suġġetta għall-vinklu ta' fedekommess, u mhux il-proprjetà posseduta b'titolu fewdali; bl-ispejjeż kontra l-konvenut; wara li kkunsidrat;

Illi l-Att nru. XII tal-1950 ġie ntrodott, skond it-Titolu tiegħu, sabiex "jaħseb għall-ħelsien tal-ġid marbut b'fedekommess"; għalkemm l-art. 3 jikkontempla t-tħassir tal- fedekommessi kollha ta' kull xorta, jibqa' dejjem li dak it-tħassir jolqot il-fedekommessi biss. Apparti, mbagħad, illi fil-korp tal-imsemmija liġi jissemmew unikament il-fedekommessi, il-fatt li l-art. 5 u 11 isemmu ordnijiet tal-Qorti mogħtija fuq derogi u bejgħ ta' beni suġġetti għal fedekommess, hija l-aħjar konferma li dik il-liġi riedet tolqot biss il-proprjetà fedekommissarja; għaliex il-liġi tagħna pożittiva tirregola d-deroga tal-vinklu in referenza biss tal-fedekommessi (art. 449 et seq. u 488 et seq. Proċ. Ċiv.);

Difatti, huwa paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna illi l-fewdi huma regolati mid-dispożizzjonijiet tal-investitura, u li f'materja fewdali "il nostro diritto va regolato da quello del Regno delle Due Sicilie" (Kollez. IX, 623; u XV, 281);

Illi, konsegwentement, l-Att XII tal-1950 għandu jiftiehem bħala ċirkoskritt għall-materja fedekomissarja, u ma jistgħax jiġi estiż anki għall-fewdi, li, kif jirrikonoxxi l-istess konvenut fin-nota tiegħu fol. 56, huma ħaġa differenti mill-fedekommessi; u stante din id-diversità, mhix ġuridikament ammissibbli l-interpretazzjoni estensiva, u wisq anqas dik analoġika; u għall-istess raġuni mhix konċepibbli l-ab-

rogazzjoni taċita jew impliċita tal-liġi, għaliex din ma tistgħax tiġi preżunta, u fid-dubju (jekk qatt jista' jeżisti) il-liġi l-ġdida għandha tiftiehem li hija kompatibbli ma' dik anterjuri (Digesto Italiano, "Abrogazione delle Leggi", para. 53, bl-awtoritajiet hemm ċitati). Għaldaqstant, jekk il-leġislatur ma pprovdiex biex jikkomprendi fil-liġi anki l-fewdi, ma jistgħax għal dan in-nuqqas jissupplixxi t-tribunal (Kollez. IX, 351, col. lma. in princ.);

Illi, wara kollox, konferma ta' dan tahielna l-leġislatur fl-"Objects and Reasons" li ta in konnessjoni mal-publikazzjoni tal-abbozz tal-liġi (Supp. Gov. Gazette 1950, paġ. 15), fejn huwa ddikjara illi: "The proposed abolition of fideicommissa will not extend to . . . titles of nobility . . . " evidentement b'riferenza għall-art. 8 tal-abbozz (integralment approvat), fejn jingħad li "the laws now in force concerning any such rights are maintained in respect of them". Issa, mhux kontestat li l-fond in kwistjoni jidħol fil-Barunija ta' Bukana u Djar il-Bniet (u jinsab possedut mill-imsejjaħ fil-kawża bħala suċċessur f'dak it-Titolu (fol. 29, 37 tergo u 38 proċ.); u bħala Titolu, skond l-insenjament ta' xi awturi, jinsab magħqud indissolubbilment mal-fond, b'mod li, jekk il-fond jispiċċa, jispiċċa anki t-Titolu. "Che, perito il fondo feudale per qualsiasi evento", jgħid Foramiti, "si debba estinguere il feudo, si rileva dall'osservare che l'utile dominio (jiġifieri dak tal-possessur fewdali), a guisa dell' usufrutto, 'est jus in corpore, quo sublato et ipsum tollere necesse est'" (Enciclopedia Legale, voce "Feudo", Vol. 2, paġ. 426, col. lma.). U kif jinnota l-Avukat Dr. Mario di Carpegna, fil-monografija tiegħu "Araldica", "pei regolamenti francesi, appoggiati anche da una giurisprudenza costante, l'alienazione di un feudo (mhux eskluża l-esproprijazzjoni) al quale è annesso un titolo nobiliare e feudale, porta con sè in alcun casi l'estinzione del titolo nell'alienante, senza punto trasferirlo, meno il caso di un 'motu proprio' sovrano, all'acquirente" (Digesto Italiano, "Araldica", para. 78). Ladarba, għalhekk, hemm jew jista' jkun hemm din l-

unjoni bejn it-titoli nobiljari fewdali u l-fond, meta l-leġislatur eċċettwa mill-liġi in diskussjoni t-titoli nobiljari, għandu jiftiehem li ried jalludi anki għall-proprjetà posseduta taħt dawk it-titoli;

Rat in-nota, li biha l-konvenut Joseph Mifsud Bonnici nomine appella mis-sentenza fuq imsemmija, u l-petizzjoni tiegħu, li biha talab ir-revoka tal-istess sentenza, u li jiġi dikjarat li bl-Att XII tal-1950 ġiet kolpita wkoll il-proprjetà posseduta b'titolu fewdali; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*
Ikkunsidrat;
Illi l-kwistjoni devoluta għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti hija dik biss li ġiet maqtugħa mill-Ewwel Qorti, konformement għall-verbal fol. 47, ċjoè jekk, indipendentement mill-kwistjoni jekk il-fond "de quo" hux fil-fatt u realment fewdali, il-liġi li aboliet il-fedekommessi ikkolpietx ukoll il-fondi fewdali;

Is-sempliċi lettura tal-Att nru. XII tal-1950 turi kjarament li dak l-Att jolqot biss il-fedekommessi. Jekk ir-redatturi ta' dik il-liġi kellhom xi intenzjoni aktar vasta minn hekk, din ma tirriżultax mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li ma jistgħux jiġu distorti jew żnaturati;

Ebda interpretazzjoni estensiva ma tista' qatt twassal għall-konklużjoni li ġew kompriżi anki l-fewdi. L-ewwelnett, kwalunkwe interpretazzjoni simili tkun assolutament kontra l-ittra ċara tal-liġi, u għalhekk hija għal kollox inammissibbli. It-tieni, in-natura tal-"feudo" u dik tal-fedekomess hi wisq diversa. Il-"feudo" jinkorpora konċessjoni bl-obligi tal-fedeltà u serviġi, skond id-definizzjoni tal-Molineo, imsejjaħ mill-Merlin bħala l-orakolu tal-materja fewdali, ċjoè "benevola, libera et perpetua concessio rei immobilis, vel equipollentis, cum translatione utilis dominii, proprietate retenta, sub fidelitate et exhibitione servitiorum".

Il-fedekommess oriġina mill-bżonn li ħassew it-testaturi li l-ġid li huma kienu sejrin iħallu direttament lill-eredi jew legatarji tagħhom jiġi restitwit lil persuni oħra (para. 1, 12, Inst. de Fidei commissariis haereditatibus). Ma hemmx, kwindi, raġuni biex fil-kelma "fedekommessi" jiġu akkomunati u kompriżi l-fewdi;

Fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, id-difensur tal-appellant nomine argumenta li bil-liġi fuq imsemmija jistgħu jiġu kolpiti l-fewdi, għax jista' jkun li "feudo" jiġi assoġġettat għal fedekommess;

Issa, hu veru li, skond id-dottrina l-aktar akkreditata, jista' per regola jiġi mpost fedekommess jekk il-"feudo" jkun mhux "ex pacto et providentia", u mhux "misto", imma sempliċement ereditarju. Xi minn daqqiet, l-ewwel investit ta' "feudo" "ex pacto et providentia" seta' wkoll jimponi fedekommess bl-annuwenza tal-Prinċep konċedent. Jista' jkun ukoll li, fil-każ ta' fewdi "emptitii", ossija onerużi (akkwistati "propter acceptam paecuniam vel observantia praestita), l-erezzjoni ta' primo genitura tkun permessa. Ħlief meta l-fewdo jkun "juris Francorum" u jkollu anness titolu ta' nobbiltà (De Luca, DeFeudis, Disc. 46, no. 4). Imma b'daqshekk ma tiġix inficjata l-konklużjoni li dik il-liġi ma tikkolpixxix il-fewdi; għaliex, anki jekk talvolta (salvi konsiderazzjonijiet oħra) titsta' tikkolpixxi l-fedekommess impost fuq il-"feudo", ma tikkolpixxix l-istess fewdo "ut sic";

Fil-petizzjoni tal-appell jingħad li bl-Att fuq imsemmi l-leġislatur ried li jitneħħa kwalunkwe vinkolu fuq il-proprjetà immobiljari, u li titneħħa wkoll kwalunkwe projbizzjoni ta' aljenazzjoni libera tal-proprjetà. Hu paċifiku, però li dispożizzjoni statutorja li ssemmi espressament każ wieħed ma tistgħax tiġi estiża għal każ mhux espress. Forsi kien ikun il-każ ta' estensjoni kieku l-kelma "fedekommess" kienet komunement tikkomprendi l-kelma "feudi": mentri l-verità hi li dawk il-kliem dejjem ġew użati distin-

tament, u jirriferixxu għal istituti diversi fl-oriġini, fin-natura, u fil-liġijiet li jirregolawhom;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant. U tordna li l-attijiet jiġu rimessi lill-Ewwel Qorti.